**3 ta' Diċembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Alfred Cassar et.

*versus*

Dottor Gerald Montanaro Gauci et. ne.

**Kompetenza — Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Inskrizzjoni tas-Sentenza fir-Reġistru Publiku — Art. 731, 743 u 775(a) tal-Kap. 15.**

*L-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza tal-Qorti, inkluż naturalment f'dan it-terminu d-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti, għandha tiġi deċiża b'kap separat, jew qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. U għandha tiġi mogħtija mill-Qorti "ex officio"; fis-sens li l-Qorti għandha tiddikjara l-inkompetenza tagħha, jekk ikun il-każ.*

*Uħud mill-każijiet kontemplati mill-liġi biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin jirrikjedu li jkun jittratta minn azzjoni fuq ħaġa (azzjoni reali) li tkun tinsab hawn Malta, jew ikun jittratta minn konvenut li jkun jinsab hawn Malta. U lanqas ma għandhom ġurisdizzjoni l-Qrati Maltin jekk is-sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer;*

*b'dan illi mhux biżżejjed, biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni, il-fatt li s-sentenza tkun tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku; għax l-inskrizzjoni tas-sentenza mhijiex eżekuzzjoni tagħha.*

*Imma mbagħadd il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni filkaż ta' kull persuna li jkollha d-domiċilju tagħha hawn Malta; b'mod li kull min għandu d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer huwa suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, sakemm ma jkunx abbanduna dan id-domiċilju tiegħu u għażel domiċilju ġdid f'pajjiż ieħor. U l-prova tal-intenzjoni ta' tibdil tad-domiċilju trid tkun konkludenti, għalkemm tista' tkun kostitwita minn ċirkustanzi u ndizji, u mhux neċessarjament minn xi dikjarazzjoni bil-miktub jew formali. F'każ ta' dubju jekk kienx hemm tibdil fid-domiċilju, għandu jiġi ritenut illi kambjament ta' domiċilju ma kienx hemm, u li kwindi l-konvenut għadu suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' £177.0.8 dovuta, kwantu għal £139.6.8 bilanċ ta' somma akbar mogħtija b'titolu ta' self versat "brevi manu" lill-imsemmi Alfred Dougall, u in kwantu għal £37.14.0 għall-interessi tas-6% fissena mid-data tal-versament tas-27 ta' April 1961. Blimgħax ulterjuri, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 731 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza tal-Qorti, naturalment inkluż f'dan it-terminu anki d-difett ta' ġurisdizzjoni, għandha tiġi deċiża b'kap separat, jew qabel jew flimkien massentenza fuq il-meritu. Kif jidher mill-verbal tad-29 ta' Ottubru 1962, din il-kawża ġiet imħollija għad-definizzjoni ta' din l-eċċezzjoni, u ċjoè b'sentenza separata qabel dik rigwardanti l-meritu;

*Illi, kif ġa ntqal, il-konvenuti nomine qegħdin jibbażaw* l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li d-domiċilju tal-konvenut mhux malti, u li l-istess konvenut mhux preżenti hawn Malta, *mingħajr indikazzjoni* preċiża tal-inċis tad-dispożizzjoni *tal-liġi li titkellem fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin* (art. 743 ibid.). Jiġi però rilevat li eċċezzjoni simili għandha tingħata "ex officio" mill-Qorti, fis-sens li din għandha tiddikjara *l-inkompetenza* tagħha (art. 775(a) ibidem); u hekk hu *l-każ li l-kwistjoni* tiġi diskussa fid-dawl tad-dispożizzjoni sħieħa riferita, u mhux biss ta' xi inċis li seta' jiġi ndikat speċifikatament mill-konvenuti;

Illi hu evidenti li l-inċiżi (c), (d), (e) u (f) tad-dispożizzjoni riferita ma japplikawx għall-każ preżenti biex jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, billi l-inċis (c) jikkontempla azzjoni fuq ħaġa *(i.e. reali) li tinsab* Malta, mentri li l-azzjoni preżenti hi personali (ta' kreditu), filwaqt li l-inċiżi l-oħra jirrikjedu l-preżenza tal-konvenut f'Malta, kondizzjoni li ma tirrikorrix. Il-Qorti lanqas issib li jista' jgħin lill-atturi l-inċiż (g), *kif minnhom* sottomess fin-nota tagħhom, peress li s-sentenza ma tistgħax tiġi eżegwita, billi d-debitur ma għandu xejn attwalment hawn Malta (il-konvenut jidher li ħalla biss "washing-machine" warajh ta' ebda valur, u *jidher li rrinunzja* għaliha); u din l-attwalità hija rikjesta u mhux biżżejjed li s-sentenza tista' tiġi nsinwata l-lum għal dak li jista' jkollu l-quddiem id-debitur hawn Malta. Insinwazzjoni ta' sentenza li tikkanonizza kreditu ma hix *eżekuzzjoni* tas-sentenza, billi l-ipoteka, biex jista' jkollha effett, tippresupponi l-possibbilità ta' eżekuzzjoni, għax tagħti biss dritt ta' prelazzjoni f'każ ta' konkors f'din l-eżekuzzjoni stess, u kwindi ma tissostitwix lil dan *ir-rekwiżit ta' eżekuzzjoni* li bih il-kreditur ikun imħallas, intiża din il-kelma fis-sens legali, li jġib miegħu l-estenzjoni tal-obligazzjoni tad-debitur, imqar parzjalment;

Dan ir-rekwiżit tal-attwalità fil-possibbilità ta' *eżekuzzjoni* tirriżulta evidenti meta wieħed jikkunsidra li fl-ipotesi kuntrarja l-Qrati lokali ikollhom dejjem ġurisdizzjoni meta l-attur ikun suddittu britanniku u t-talba tkun għall-ħlas ta' somma, billi allura l-ipoteka ġudizzjali tkun dejjem possibbli; din ma tidherx l-idea tal-leġislatur meta mpona l-kondizzjoni tal-possibbilità ta' eżekuzzjoni tas-sentenza, billi

d-debitur jista' jkun ukoll strangier li qatt ma kien Malta, u ħadd ma jista' jaħseb li għad ikollu proprjetà hawn Malta, u l-leġislatur ma setgħax ried possibbiltà hekk remota, li għal kull fini hija ekwivalenti fil-fatt għall-vera u proprja mpossibbiltà, biex fuqha jirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati lokali, billi allura s-sentenza tkun ingħatat inutilment, għax qatt ma tkun eżegwibbli (ara wkoll deċiżjoni no. 423 Kollez. Vol. VII, p. 608, la. colonna; u Vol. XXXIII-II-134);

Illi għalhekk jibqgħu l-ewwel żewġ inċiżi, li għandhom bejniethom komuni l-element tad-domiċilju, fis-sens li l-konvenut irid ikollu d-domiċilju tiegħu hawn Malta. Fil-każ preżenti, peress li d-debitur jirriżulta li twieled Malta, u anki suddditu britanniku, huwa iżjed applikabbli l-inċis (a) tal-art. 743 preċitat; u l-Qorti adita tkun kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-każ, fis-sens li għandha ġurisdizzjoni, kemm il-darba ma jiġix pruvat li l-istess konvenut iffissa d-domiċilju tiegħu band'oħra;

Illi hu magħruf li d-domiċilju mhux sempliċi fatt, iżda għandu mport ġuridiku, u, applikat għal tibdil fih, jimporta element intenzjonali fit-titolar tiegħu. Infatti, kullħadd jitwieled b'domiċilju, li jissejjaħ "tal-oriġini", salv li jista' jbiddlu meta huwa jiddeċidi li jabbandunah bl-idea li jistabbilixxi ruħu permanentement band'oħra u hekk jagħżel domiċilju ieħor. Hija l-prova ta' din l-intenzjoni li tinkombi lill-konvenuti nomine jagħmlu dwar id-debitur minnhom rappreżentat biex jistgħu jirnexxu fl-eċċezzjoni minnhom sollevata, u ċjoè li ried jitlaq id-domiċilju tiegħu malti tal-oriġini biex jieħu dak ta' pajjiż ieħor;

Illi f'dan il-każ preżenti ta' min jirrileva (ara verbal tad-9 ta' Marzu 1962, fol. 378) li d-debitur konvenut ikkomunika mal-avukat kuratur tiegħu "di officio", u li, skond dikjarazzjoni ta' dan l-aħħar (ara verbal tas-26 ta' Novembru 1962 — fol. 51), l-eċċezzjoni in diżamina ma ngħatatx fuq istruzzjonijiet jew xi informazzjoni speċifika tal-konvenut fil-korrispondenza li għaddiet. Anzi ġie wkoll sottomess f'dan il-kontest, waqt it-trattazzjoni, li l-konvenut bagħat jgħid li hu kien iħoss li ma fadallu jagħti ebda bilanċ lill-atturi, u dan b'riferenza għal dak li ingħad fl-ittra a fol. 44 (indirizzata lid-difensur tal-atturi minn solicitor

awstraljan li kien ġie mitlub jinkariga ruħu mill-kwistjoni, u dan kien bagħat għall-konvenut hemm hekk), fejn jirriżulta li dan qallu li kien il-każ li wieħed jistenna l-ewwel l-eżitu tal-kawża preżenti hawn Malta. Il-Qorti tifhem, minn dan kollu, li l-konvenut irid u qiegħed jistenna deċiżjoni fil-meritu; u minn dan tifhem ukoll, għalhekk, li l-konvenut ma tgħax din l-eċċezzjoni jew għax ma setgħetx tingħata (billi hu ma telaqx id-domiċilju tal-oriġini), jew għax ma riedx fl-interess tiegħu stess (irriżulta li, qabel ma telaq, għall-kontijiet mal-atturi hu qabbad lil persuna li għadha hawn Malta — fol. 20), u hekk speċi qiegħed jissottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti lokali, anki jekk jista' jiġi ritenut li strettament din ma għandhiex il-fakoltà li tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Apparti però minn din l-aħħar riflessjoni, l-ewwel waħda hi ċertament ta' piż konsiderevoli, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-prova konkludenti rikjesta biex jiġi rikonoxxut tibdil ta' domiċilju, għalkemm din tista' tkun kostitwita minn ċirkustanzi u ndizji, u mhux neċessarjament minn xi dikjarazzjoni bil-miktub jew formali (Kollez. Vol. XXIX-III-232; XXXIII-II-349, u sentenzi hemm ċitati). Infatti, jekk mhux ħaġ'oħra dan il-fatt iqajjem dubju, u dan għandu jiġi riżolut favur id-domiċilju tal-oriġini, li huwa ċert; f'nuqqas ta' xi dikjarazzjoni espliċita, jew provi oħra konkludenti u univoċi, li l-konvenut ried ibiddel dan id-domiċilju tiegħu, jistgħu jkollhom ċerta mportanza f'dan il-kontest il-fatti deposti minn Giulia Busuttil (fol. 49) fis-sens ta' kliem li d-debitur kien esprima xewqa li jirritorna speċjalment għall-bidu li telaq, u li għad għandu ħutu ħajjin hawn Malta, billi dawn ikomplu jkabbru d-dubju fuq riferit għal dak li kienet l-intenzjoni vera tad-debitur meta telaq minn Malta; u hekk għandu jiġi ritenut, billi mhux pruvat kif jixraq, li huwa ma ffissax id-domiċilju tiegħu barra minn Malta, u kwindi għadu suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili lokali;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni opposta mill-konvenuti nomine; tordna però, li fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, iżda bid-

dritt tar-Reġistru għall-konvenuti nomine; u tħalli l-kawża għat-8 ta' Frar 1963 biex titkompla fil-meritu.